MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 95/2012

**A B**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-atturi, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta:

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-5 ta' April 2003 skond certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A u l-partijiet ghandhom zewgt itfal S ta' sitt (6) snin u S ta' erbatax (14) –il sena;

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-partijjiet illi jaqbdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' din il-kawza;

3. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu skond il-ligi;

Talab in vista tar-ragunijiet premessi li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet tal-5 ta' April 2003 hawn fuq imsemmi huwa null u bla effett fil-ligi;

2. Tawtorizza lill-esponenti illi tirregistra l-istess sentenza fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li minn issa hija ngunta in subbizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata ta' CD, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi l-esponenti taqbel li l-partijiet izzewgu fil-5 ta' April 2003 skond certifikat taz-zwiegipprezentat fl-atti tal-kawza u li minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal S ta' sitt (6) snin u S ta' erbatax (14) –il sena;

2. Illi l-esponenti taqbel li z-zwieg huwa null u bla effett izda mhux ghal tortijiet imputabbli lilha, izda ghal tortijiet imputabbli lill-intimat li immanifestaw ruhhom wara z-zwieg;

3. Illi ghalhekk l-esponenti m'ghandhiex tbati ghall-ispejjez tal-prezenti procedura.

Salv Eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet datat il-5 ta' April 2003[1] jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Att Dwar iz-Zwieg.

Illi l-intimata, taqbel li dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null izda ghal ragunijiet li huma unikament imputabbli lir-rikorrent.

**Il-verzjoni tal-attur**

Ir-rikorrent jibda l-affidavit tieghu billi jghid li trabba f'ambjent normali izda kollox inbidel malli huh Aaron dahal fil-korp tal-Pulizija u beda juri certa awtorita' fid-dar tal-genituri tieghu. Fl-assenza tal-missier li kien jahdem barra minn Malta, Aaron tant kien jipprova jiehu post l-istess missier u kien hemm drabi fejn anke refa' jdejh fuq l-istess rikorrent. Il-fatt li dan Aaron kien qed jiltaqa' ma' tfajla fuq ruhha zzejjed ma ghinx ghall-atmosfera fid-dar tar-rikorrent. Ommu waqghet f'*depression* meta mietet ommha ghall-arrieda u b'konsegwenza ta' dan bdiet tizvoga r-rabja taghha fuq uliedha u fuq ir-ragel taghha. Ir-rikorrent beda jhossu abbandunat u beda jhoss li s-sitwazzjoni fid-dar tal-genituri tieghu kienet saret

[1] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 5 tal-process

insapportabbli. Beda jqatta’ kemm jista’ jkun hin barra mid-dar u ghalhekk beda jaghmel ukoll l-arti marzjali.

Fis-sena 1998 iltaqa’ mal-intimata f’bar fejn kienet tahdem ma’ missierha. L-intimata kellha tarbija minn relazzjoni precedenti u meta l-genituri tieghu saru jafu b’din it-tarbija, xejn ma hadu gost li binhom kien qed johrog mal-intimata. Anke shab ir-rikorrent ma kienux kuntenti b’din ir-relazzjoni ghaliex ma setghux jifhmu kif tfajla li kellha biss hmistax- il sena kienet diga’ omm. Ir-relazzjoni taghhom bdiet tajjeb izda mbaghad l-intimata bdiet turi certu awtorita’ fuqu tant li waslet biex iggieghlu jieqaf mill-arti marzjali. Ma kienx ihossu fdat mill-intimata.

Meta missieru mbaghad iltaqa’ mal-intimata, aktar ikkonferma kemm din ma kienitx tghodd ghal ibnu ghaliex kien jaraha bhala tfajla fuq taghha zzejjed. Minn dak li kienu qed jghidulu ta’ madwaru, r-rikorrent ma ried jisma xejn ghaliex dak li kellu f’mohhu kien li jitlaq mid-dar minkejja li kien ikollu argumenti mal-intimata fejn kienet tghajjru u tkellmu hazin anke fil-prezenza ta’ bintha stess.

Maz-zmien, l-intimata laqqatu ma’ certu Tony li kellu jaghtihom somma flus biex jixtru post u jkunu jistghu jizzewgu. Jghid li kienet idea ta’ dan Tony li kkonvinca lill-istess rikorrent sabiex jghallem lit-tifla tibda tghajjatlu papa’. Ir-rikorrent hass li ma kellux ghazla u l-intimata kienet kuntenta li t-tifla kienet qed issejjahlu papa’.

L-intimata mbaghad bdiet tahdem ma’ missierha f’*bar and restaurant* u dan kien ikun sors ta’ argumenti bejn il-koppja *stante* li missierha kien idum biex ihallasha b’dan li l-piz tad-dejn kien jaqa’ kollu fuq ir-rikorrent tant li kellu jsib xoghol *part-time*. Apparti minn hekk kien ihoss li Ckienet taghti kunfidenzi zejda lil xi irgiel tant li mhux l-ewwel darba li haseb biex jitlaqha izda l-intimata kienet issemmilu t-tifla u kienet tghidlu kemm ser tibkih u kien jithassarha. Is-sitwazzjoni ta’ bejniethom marret ghall-aghar meta r-rikorrent safa’ *redundant* minn fuq ix-xoghol u baqa’ jhossu incert fuq ir-relazzjoni taghhom izda ftit li xejn kellu l-kuragg li jitlaqha, specjalment peress li l-preparamenti tat-tieg kienu ghaddejjin gmielhom kif ukoll

minhabba l-fatt li ommha kienet iddahlet l-isptar tliet darbiet b'kundizzjonijiet serji.

Jumejn biss qabel it-tieg, il-partijiet iggieldu tant li r-rikorrent kien deciz li ma jmurx lura izda l-ghada, wara li cemplitlu l-intimata, rrangaw u kien qisu ma gara xejn. Jghid li hassu li qed jitkaxkar mal-kurrent tant li jghid li baqa' ghaddej b'kollox mhux ghax verament ried jaghmel hekk imma ghax ma setax isib mod iehor kif johrog mis-sitwazzjoni li sab ruhu fiha. Haseb li kif jghaddi t-tieg u t-tensjoni li jgib mieghu, kollox kien ser jimxi sew.

Wara z-zwieg, il-partijiet ghexu hajja pjuttost normali ghal perjodu ta' sentejn tant li r-rikorrent iddecieda li jaddotta lill-minuri S. L-idea kienet tal-intimata pero' hass li kien id-dmir tieghu li jaghmel hekk ghaliex it-tifla ma kienitx tahti ghall-izball ta' ommha. Jghid li jhobbha daqs bintu naturali. Minhabba li l-intimata kienet waqfet mix-xoghol qabel iz-zwieg, il-piz finanzjarju kollu waqa' fuq ir-rikorrent u konsegwentement biddel anke x-xoghol biex ikollu introjtu ahjar izda l-intimata ma kienitx kuntenta, ghaliex riedet li jqattghu aktar hin flimkien. Fl-istess hin, minkejja t-tgergir da parti taghha, ma kienitx lesta li tmur tahdem. Il-flus kienu necessarji, specjalment meta mbaghad twieldet il-minuri S. Fegget *post natal depression* fl-intimata filwaqt li r-rikorrent gietu opportunita' barra minn Malta. Il-partijiet qablu li kellu jmur jahdem barra. Meta gie lura, r-relazzjoni taghhom tjiebet ghaliex kienu mmissjaw lil xulxin izda ma damux ma regghu waqghu ghar-rutina tas-soltu b'dan li l-intimata kienet tqatta' hafna sieghat fuq l-internet. Kienet ukoll bdiet tohrog Paceville u nkoraggietu jerga' jmur jahdem barra minn Malta ghal perjodu ta' sitt gimghat kif kien ghamel qabel. Ir-rikorrent hekk ghamel u jghid li fl-ewwel erba' gimghat, kienet tinstema' bierda hafna. Kif gie lura, dak li kellu jkun *weekend break* bejn il-partijiet spicca biex kien il-mument fejn l-intimata infurmatu li riedet is-separazzjoni.

**<u>Il-Verzjoni tal-intimata</u>**

L-intimata, permezz tax-xiehda taghha *viva-voce,* tghid li r-relazzjoni mal-familja tar-rikorrent xejn ma kienet tajba.

Tikkonferma li r-rikorrent kien jiggieled hafna ma' huh u li ried jitlaq minghand il-genituri tieghu ghax kien imdejjaq. Tghid li ma kellhomx pjacir biha ghaliex kellha tifla minn relazzjoni precedenti. Tiddiskrivi r-relazzjoni taghha mar-rikorrent bhala 'mhux tajba' tant li kienu hassru diversi drabi ghaliex it-tnejn li huma ma kienux jafu fejn sejrin. Tghid li glieda minnhom sehhet gurnata qabel it-tieg. Komplew biss ghaliex it-tieg kien daqshekk qarib u ma setghux ihassru. Tikkonferma wkoll li wara sena u nofs hajjithom ma kienitx sew ghaliex ir-rikorrent beda jqatta' hafna hin ix-xoghol b'dan li t-tfal kien isibhom rieqdin. Ma kienx ihalliha nieqsa mill-flus imma kienet nieqsa mill-prezenza tieghu fid-dar. B'referenza ghaz-zwieg, tghid li kienet ghadha kif tohrog minn 'tahwida' meta l-gharus li kellha qabel kien abbandunaha bit-tarbija b'kollox u ghalhekk, il-fatt li r-rikorrent ried jizzewwigha meta kellha tarbija ta' haddiehor, kien posittiv ghaliha u hadet pjacir. Tghid li d-decizjoni li jizzewgu haduha flimkien pero' wara l-glieda taghhom ta' qabel it-tieg, kienu zzewgu bilfors. Kienu indunaw li r-relazzjoni taghhom kienet wahda problematika u li ma jaqblu f'xejn imma peress li kollox kien lest u bil-problemi ta' sahha ta' ommha hassew li ma setghux ihassru t-tieg lejliet. Terga' tikkonferma li l-partijiet ma jaqblu f'xejn tant li tghid li anke t-tfal raw hafna glied quddiemhom.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz odjern</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghax-xiehda ta' George B[2], missier ir-rikorrent fejn jikkonferma kif id-decizjoni ta' ibnu Aaron li jidhol fil-Korp tal-Pulizija halliet effett negattiv fuq il-familja peress li kien qed jaghmilha ma' kumpanija hazina. Jikkonferma wkoll li s-sitwazzjoni fid-dar kompliet sejra ghall-aghar meta mietet omm martu, tant li martu waqghet f'*depression* u bdiet tizvoga ma' kullhadd b'dan li wliedhom bdew ihossuhom imwarrba. Jghid ukoll li sar jaf bil-prezenza ta' Cfil-hajja ta' ibnu meta dan tal-ahhar kellu biss dstatax–il sena u jzid jghid li meta skopra li kellha tifla minn relazzjoni precedenti, qal lil ibnu li dan kien piz li ma kellux ghalfejn jidhol ghalih. Qallu car u tond li kien ikun

[2] Ara l-affidavit tieghu esebit a fol 25 tal-process

ahjar jekk jieqaf johrog maghha ghaliex il-fatt li ta' eta' zghira daqshekk kellha tifla, juri li din Ckienet tifla fuq ruhha mhux hazin. Minkejja dan kollu, A webbes rasu u baqa' ghaddej bir-relazzjoni. Meta ra lill-istess intimata, kompla jikkonferma kemm hi fuq ruhha u rega' wissa lil ibnu fuqha qabel ma jsir ihobbha u qabel ma jsir ihobb ukoll lil bintha. Aktar ma sar jafha, aktar beda johrog il-karattru dominanti taghha, izda x-xhud jghid li ibnu kien jidher li qed ifittex okkazjoni fejn jitlaq mid-dar ta' ommu u missieru ghaliex ma kienx qed ihossu komdu hemm aktar. Cma kienitx taf x'inhu rispett u jekk ma kienitx tiehu dak li trid, kienet tinfaqa' tidghi u titkellem hazin, anke fil-prezenza ta' bintha. Lanqas dawn ix-xenati u l-pariri tax-xhud ma swew biex ibnu jiltaqha.

Wara madwar tlett snin, ix-xhud sar jaf minghand ibnu li kienu ser jizzewgu u talab li z-zwieg taghhom ikun wiehed sod. Jikkonferma wkoll li l-intimata ma kienitx tahdem u li ghalhekk il-piz finanzjarju kollu waqa' fuq ibnu. Isemmi li t-tieni darba li ibnu mar jahdem barra minn Malta, kien hemm kambjament kbir fl-attitudni tal-intimata fejn issa kienet qed tkun bierda u bdiet tagixxi b'mod stramb. Jikkonferma li ftit wara, l-partijiet isseparaw.

Mary D, omm l-intimata permezz tal-affidavit taghha[3] tghid li bintha kellha tarbija barra z-zwieg u li r-rikorrent kien accetta dan il-fatt. Tghid ukoll li ma kienx kuntent fid-dar tal-genituri tieghu. Tikkonferma wkoll li ftit qabel it-tieg, il-partijet kienu ggieldu. Wara z-zwieg, anke peress li x-xhud kienet toqghod taht id-dar tal-partijiet, kienet tismaghhom jiggieldu tant li mhux l-ewwel darba li x-xhud marret ghat-tfal biex ma jisimghux dak id-dagha u l-glied izda r-risposta da parti tar-rikorrent kienet tkun dik biex ma tindahalx. Tghid ukoll li meta biddel ix-xoghol, ir-rikorrent inbidel tant li anke r-religjon biddel u beda jqatta' hafna hin 'il boghod mid-dar.

John D, missier l-intimata permezz tal-affidavit tieghu[4] jghid li l-familja tar-rikorrent qatt m'accettawha lil bintu

[3] Esebit a fol 42 tal-process
[4] Esebit a fol 44 tal-process

imma A kien accettaha, bit-tarbija b'kollox. Bhal martu jghid li l-problemi tal-partijiet bdew kif ir-rikorrent biddel ix-xoghol u beda jqatta' hafna hin 'il boghod mid-dar. Kien inbidel fl-attitudni tieghu ukoll tant li kien jisma' hafna glied bejn il-partijiet. Meta kien jitla' ghandhom, mhux l-ewwel darba li kien isib il-fliexken tax-xorb quddiem bintu ghaliex ir-rikorrent kien jaghtihomlha biex tixrob. Jiddiskrivi lir-rikorrent bhala ragel ta' rasu iebsa li ma jiehux parir, minkejja li jkun ta' gid. Jikkonferma wkoll li kien biddel ir-religjon u li pretenda li l-intimata taghmel l-istess.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghar-rapport tal-psikologa u terapista tal-familja Mariella Blackman[5] fejn wara li taghti deskrizzjoni tal-kronolgija tal-fatti u l-hajja tal-partijiet, tasal ghall-konkluzjoni li r-rikorrent uza z-zwieg biex jitlaq mid-dar tieghu kif ukoll li kien hemm nuqqas ta' preparazzjoni ghaz-zwieg miz-zewg partijiet.

F'dan l-istadju, l-Qorti ser tghaddi sabiex tiddiskuti l-istess xhieda u provi dokumentarji abbazi tal-artikolu li fuqu qieghed jibbaza l-kawza tieghu l-istess attur.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba anomalija psikologika serja li taghmel il-partijiet inkapaci milli jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[6] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid***

[5] Esebit a fol 29 tal-process
[6] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom*”.**

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[7] “***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg sempliciment ghax ir-rikkorrent ried jitlaq mid-dar u jahrab mill-problemi filwaqt li l-intimata kienet grata li kienet sabet lil xi hadd li lest jaccettaha b’tarbija ta’ haddiehor u xejn aktar. Jirrizulta car mill-atti li d-decizjoni ghaz-zwieg giet formata biss b’konnessjoni ma’ dawn ir-realtajiet u xejn aktar, tant li l-partijiet jaqblu li zzewgu ta’ bilfors ghaliex lejliet it-tieg kienu ggieldu bi kbir. Izda peress li t-tieg kien daqshekk vicin u peress li omm l-intimata kienet ghadha hierga mill-isptar b’attakk tal-qalb, hassew li ma setghux ihassru

[7] Deciza nhar id-29 ta’ Mejju 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

kollox. Jidher li li kieku c-cirkustanzi kienu differenti, l-partijiet kienu jaghzlu li ma jizzewgux.

Il-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju ssir referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994[8] fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Mill-provi prodotti, jidher car li l-partijiet hassewhom kostretti li jizzewgu ghaliex hasbu li kien tard wisq biex iregghu lura d-decizjoni taghhom izda fil-fond ta' qalbhom ma kienux lesti ghal dan il-pass. Tali decizjoni turi immaturita' kbira da parti taz-zewg partijiet ghaliex id-decizjoni ghaz-zwieg giet ibbazata fuq ic-cirkustanzi li kienu mdawrin bihom u mhux ghax verament riedu li jizzewgu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Att Dwar iz-Zwieg.

Bl-ispejjez jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[8] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell